

III

(Atti preparatorji)

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

446 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR ID-9 U 10 TA' LULJU 2008

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE

COM(2007) 593 finali — 2007/0214 (COD)

(2009/C 27/01)

Nhar l-14 ta' Novembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-11 ta' Ġunju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Ioia.

Matul l-446 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fid-9 u l-10 ta' Lulju 2008 (seduta tad-9 ta' Lulju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'117-il vot favur, l-ebda vot kontra u 5 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE japprova l-kontenut tar-regolament attwali COM(2007) 593 finali u għandu opinjoni pożittiva dwar il-ħruġ ta' normi armonizzati fil-livell Komunitarju għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu, u jaqbel ma' l-għażla ta' proċedura waħda fil-livell Ewropew li hija valida fl-Istati Membri kollha, billi dan huwa approċċ iktar sempliċi u jinvolvi inqas spejjeż milli 27 approvazzjoni differenti li, barra minn hekk, kienu joħolqu kundizzjonijiet ċari ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-frammentazzjoni tas-suq intern.

1.2 L-importanza ta' dan l-intervent hija ċara: minħabba pre-żvilupp kontinwu fil-kummerċjalizzazzjoni tal-vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu, approvazzjoni tat-tip ta' dawn il-vetturi motorizzati ma teżistix, la fil-livell nazzjonali u lanqas f'dak Ewropew. Fl-Istati Membri individwali, fejn ġew adottati regolamentazzjonijiet proviżorji, dawn huma differenti ħafna minn xulxin.

1.3 Il-KESE huwa ta' l-fehma li huwa neċessarju li titwettaq mill-iktar fis l-approvazzjoni tar-regolament li jidher kapaċi joffri qafas sod li jservi ta' punt ta' referenza għall-impriżi fis-settur, u għaldaqstant ikun kapaċi jiffavorixxi l-investiment kontinwu meħtieġ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji marbuta ma' l-użu ta' l-idroġenu. Dwar l-għażla strateġika ta' dan l-użu, l-opinjoni jiet reċenti l-KESE esprima ruħu favur, fejn stqarr li "l-idroġenu, min-

kejja l-limitazzjonijiet tiegħu fil-preżent, jirrappreżenta l-isfida tal-ġejjieni".

1.4 Barra minn hekk, il-ħruġ ta' dawn l-istandards Komunitarji fil-qasam ta' l-armonizzazzjoni jikkostitwixxi element importanti li jggarantixxi s-sikurezza għall-utenti. It-tisħiħ tal-fiduċja tagħhom hija kundizzjoni essenzjali meta wieħed iqis l-iżvilupp previst ta' dawn il-vetturi, li skond il-previżjonijiet tal-Kummissjoni sa l-2020 għandhom jilhq u l-mira ta' miljun vettura li taħdem bl-idroġenu.

1.5 Eżempju importanti li jikkonferma l-validità u l-possibilità konkreta li jintlaħaq dan l-objettiv huwa ż-żjieda kostanti u kontinwa ta' taxis li jaħdmu b'sistemi ta' karburanti ibridi li jiċ-ċirkolaw f'New York, fejn politika urbana pożittiva tippermetti li l-ħarsien u r-rispett għall-ambjent jimxu id f'id mar-regoli tas-suq, u b'hekk jidher bil-fatti li sforzi biex jinħolqu ostakoli artifċjali għall-iżvilupp ta' din it-teknoloġija ta' sikwit huma biss manifestazzjoni tad-difiża ta' xi interessi sekondarji.

1.6 It-tilħiq ta' dan l-objettiv jidher neċessarju peress li huwa biss permezz ta' azzjoni deċiża biex il-karburanti fossili jinbidlu, li jkun possibbli li jintlaħaq objettiv li huwa konformi mal-politiki ta' l-Unjoni fir-rigward ta' l-iżvilupp sostenibbli u l-għlieda kontra l-bidla fil-klima. Dan l-objettiv jista' jintlaħaq bis-saħħa ta' l-użu progressiv ta' l-idroġenu, tal-bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni u permezz ta' karburanti oħra rinnovabbli.

1.7 L-appoġġ fundamentali ta' din l-istrategġija fit-tul jistrieħ fuq impenji preċiżi fil-qasam tar-riċerka teknoloġika. Il-KESE għalhekk jitlob it-twertiq ta' programmi mmirati ta' riċerka, l-ewwel nett bl-approvazzjoni mill-iktar fis tar-regolament COM(2007) 571 finali, li jistipula l-ħolqien ta' "inizjattiva teknoloġika konġunta (JTI) permezz tat-twaqqif ta' l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu" ⁽¹⁾. Isostni u jittama li jsiru programmi tar-riċerka mmirati lejn mezzi ġodda ta' produzzjoni u użu ta' l-idroġenu u jassoċja ruħu mat-talbiet li jsiru mid-dinja ta' l-intrapriża u tar-riċerka, attivi fis-settur ta' l-użu ta' l-idroġenu sabiex il-Kunsill u l-Parlament iħaffu l-proċess ta' l-approvazzjoni tal-proposti neċessarji.

1.8 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tistudja minn issa l-problema tat-tkabbir tan-netwerk tad-distribuzzjoni peress li d-disponibilità ta' teknoloġiji sikuri u effiċjenti għall-ħażna kif ukoll id-distribuzzjoni adegwata huma elementi essenzjali għat-tixrid tal-vetturi li jaħdmu b'taħlita ta' gassijiet.

1.9 Fil-bidu dawn il-miżuri għandhom jiffavorixxu d-distribuzzjoni madwar it-territorju Komunitarju kollu tal-GŻL (Gass taż-żejt likwidu) u tal-metanu, li jirrappreżentaw l-oġettiv l-iktar immedjat u realistiku fil-proċess tad-dekarbonizzazzjoni, anke jekk parzjali, tal-karburanti. Madankollu llum, f'ħafna pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea, dawn id-distributuri huma rari ħafna jekk mhux ineżistenti. Dan l-ewwel stadju ta'riċerka fteknoloġiji ġodda, dejjem iktar sikuri u effiċjenti, fil-qasam tal-ħażna u tad-distribuzzjoni huwa mistenni, fil-futur qrib, li jiffavorixxi l-pas-saġġ lejn stadju intermedju ta' distribuzzjoni ta' taħlitiet ta' gass u idroġenu, sakemm naslu fl-istadju definittiv fejn jiġi distribwit l-idroġenu.

1.10 Il-KESE jqisha ħaġa fundamentali li niffaċċjaw b'mod konkret il-kwistjoni tal-fiduċja ta' l-utenti futuri, biex jitneħħa dak id-dubju u nuqqas ta' għarfien li għad hemm rigward l-użu ta' l-idroġenu. Għaldaqstant jenħtieġ li jkun hemm programmi komprensivi ta' informazzjoni li jwasslu messaġġ ċar li jikkonferma li din it-teknoloġija, anke llum il-ġurnata, diġà laħqet il-livelli ta' sikurezza li jgawdu vetturi konvenzjonali.

1.11 Il-KESE jappoġġja l-għażla tar-regolament bħala l-istrument ġuridiku tal-proposta peress li jggarantixxi kundizzjonijiet ekwi għall-produtturi fis-settur permezz ta' l-applikazzjoni fl-istess ħin fl-Istati Membri kollha ta' l-istandards stipulati.

1.12 Barra minn hekk, japprova l-proposta li l-proċess ta'elaborazzjoni u implimentazzjoni ta' l-istandards fundamentali permezz tal-"komitoloġija" u jaqbel li jiġi stabbilit perijodu transitorju fl-applikazzjoni ta' l-istandards kollha, peress li din għandha twassal għal ċerti kumplikazzjonijiet għall-impriżi fis-settur.

1.13 Il-KESE jikkunsidra li l-preżenza fl-Ewropa tal-GCC (Global Coordination Group) għar-riċerka ta' l-istandards ta' approvazzjoni tat-tip fil-livell dinji, GTR (Global Technological regulation) hija importanti, iżda jenfasizza wkoll li r-riċerka dwar dan il-ftehim ma għandhiex tkun ostakolu għall-iżvilupp ta' din il-proċedura leġislattiva. Id-disponibilità ta' strument

⁽¹⁾ ĠU C 204, 9.8.2008, p. 19.

leġislattiv xieraq u ta' l-esperjenza fl-implimentazzjoni ta' l-istandards Komunitarji għandha l-għan li ssaħħaħ il-preżenza ta' l-Ewropa fil-korpi kollha fil-livell dinji, anke biex tiġi evitata l-possibilità li naslu għal regolamenti dinji fil-qasam tal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu li jqisu biss esperjenza waħda li bħalissa hi disponibbli għalina (il-Ġappun).

1.14 Id-disponibilità ta' esperjenza waħda bbażata fuq regolamentazzjoni leġislattiva fil-livell Komunitarju u r-riżultati importanti li jistgħu joriġinaw minn impenn konsistenti u kontinwu fil-qasam tar-riċerka teknoloġika jistgħu jiffurmaw element fundamentali ta' appoġġ għall-kompetittività ta' l-impriżi li diġà joperaw fis-settur awtomobilistiku, meta wieħed iqis li proporzjon kbir tas-suq fil-futur jistrieħ fuq it-teknoloġiji u l-karburanti l-ġodda.

1.15 Skond il-KESE, dan kollu jitlob li jsiru għażliet kuraġġi u f'waqthom, flimkien ma' viżjoni strateġika fit-tul li tkun marbuta ma' xenarju fil-gejġieni fejn l-idroġenu, fiż-żmien neċessarju, ikun mistenni li jaqdi rwol importanti u deċiżiv.

1.16 Il-KESE jistieden il-Kummissjoni biex tikkunsidra mill-ġdid il-proposta ta' "tikketta" tal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu, li tista' titqies bħala tip ta' kriminalizzazzjoni, fejn dawn il-vetturi jiġu identifikati bħala "perikolużi", waqt li t-testijiet tas-sikurezza ħarġu b'riżultati li jikkorrispondu ma' dawk li kellhom il-vetturi li jaħdmu b'karburanti oħrajn. Minflok din it-tikketta, il-KESE jaħseb li jkun aħjar li ssir identifikazzjoni tal-karburanti li jużaw il-vetturi kollha, sabiex wieħed ikun jista' jkun jaħhom b'mod ċar.

1.17 Sabiex tiġi faċilitata d-distribuzzjoni ta' vetturi li jaħdmu bl-idroġenu, u fin-nuqqas ta' netwerk ta' distribuzzjoni, il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex tapprova anke reformers żgħar għall-produzzjoni awtomatika ta' l-idroġenu mill-metanu. (Home energy stations jew oħrajn simili). Dawn jistgħu jkunu l-ewwel pass konkret sabiex tiġi sodisfatta d-domanda ġdida għall-idroġenu, waqt li l-oġettiv għandu jibqa' li l-idroġenu jiġi prodott minn sorsi li jiġġeddu, mill-bijogass sal-fotolisi, u l-elettroliżi bl-użu ta' l-elettriku prodott minn sorsi li jiġġeddu.

2. Daħla

2.1 Ir-regolament ikkonċernat (COM(2007) 593 finali) jissejjes fuq il-fatt li fl-Ewropa ma jeżistix standard li jirregola sistema ta' approvazzjoni tat-tip għal vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu, minkejja li qed jiġi previst l-iżvilupp fil-kummerċjalizzazzjoni tal-vetturi li jaħdmu b'din it-teknoloġija.

2.2 Anke fl-Istati Membri individwali ta' l-UE, bħalissa ma jeżistux dispożizzjonijiet li jirregolaw il-qasam ta' din il-proposta.

Fil-fatt, fil-leġislazzjoni fis-seħħ, li tirrigwarda it-totalità ta' l-approvazzjoni ta' dawn il-vetturi, ma humiex previsti standards ġenerali relatati mal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu, xi ftit jew wisq minħabba l-karatteristiċi tagħhom differenti minn dawk ta' vetturi li jużaw karburanti konvenzjonali.

2.3 Fxi Stati Membri ġew adottati regoli proviżorji, li huma differenti ħafna minn xulxin. Jekk din is-sitwazzjoni tkompli kif inhi, aktarx li jinħolqu proċeduri ta' approvazzjoni tat-tip differenti f'kull Stat Membru individwali, u jkun inevitabbli li b'konsegwenza, is-suq intern jifframmenta, issir distorsjoni ta' l-istandards dwar il-kompetizzjoni u tonqos il-possibilità konkreta li din it-teknoloġija tikkontribwixxi b'mod deċiżiv lejn titjib fil-qagħda ambjentali.

2.4 Din il-proposta għal regolament għalhekk għandha l-għan li tiggarrantixxi t-tħaddim korrett tas-suq intern u li tevita ċ-ċirkolazzjoni fl-Istati Membri individwali ta' vetturi approvati skond standards differenti, bir-riżultat li jkun hemm nuqqas ta' ekwilibriju bejn il-produtturi individwali u tikber il-possibilità li jinħolqu ostakoli artifiċjali għall-kummerċ fl-Ewropa.

2.5 Ir-riżultat ta' dan ikun li jinholq ostakolu għall-iżvilupp tat-teknoloġiji marbuta ma' l-użu ta' l-idroġenu fl-Ewropa, għal kuntrarju tal-bżonn li jiżdied il-pass ta' l-interventi u l-iżviluppi konkreti ta' din it-teknoloġija, li tirrappreżenta waħda mill-alternattivi l-iktar sinifikanti għall-użu tal-karburanti fossili li sal-lum ikopru 98 % tat-trasport pubbliku u privat u 50 % tas-sorsi ewlenin ta' l-enerġija, proporzjon li huwa mistenni jiżdied għal 73 % jekk ma jsirux għażliet deċiżivi favur id-diversifikazzjoni.

2.6 Dan ir-regolament jirrappreżenta, flimkien ma' programmi importanti oħrajn ta' riċerka fis-settur li jinsabu fis-7 Programm Qafas, pass importanti lejn l-użu ta' l-idroġenu fuq livell ta' sikurezza li jilħaq it-teknoloġiji konvenzjonali, u barra minn hekk, jista' jikkontribwixxi biex ikun hemm approvazzjoni min-naħa ta' l-utenti potenzjali.

2.7 M'hemmx dubju li l-ħruġ ta' standards armonizzati fil-livell Komunitarju rigward l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu huwa pass deċiżiv sabiex tint-laħaq l-approvazzjoni meħtieġa ta' l-utenti. It-tkabbir fil-fiduċja fl-użu ta' l-idroġenu min-naħa ta' l-utenti hija fattur indispensabbli sabiex titħaffef il-kummerċjalizzazzjoni tal-vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi, b'emissjonijiet baxxi ħafna ta' gass b'effett ta' serra, li huwa proċess neċessarju jekk l-ambjent ser jitħares b'mod reali u konkret.

3. Il-proposta tal-Kummissjoni

3.1 Il-proposta għal regolament dwar il-vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu tistabbilixxi objettiv sabiex jitwaqqfu standards validi fl-UE kollha għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu.

3.2 Il-proposta temenda d-Direttiva 2007/46/KE billi tinkludi l-kategoriji M1-M2-M3 u N1-N2-N3 ⁽²⁾ fil-qafas tal-proċedura għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi u li l-vetturi li

(2) M1 — vetturi għat-trasport ta' persuni, b'massimu ta' 8 postijiet bil-qiegħda u post ieħor għax-xuffier.

M2 — vetturi għat-trasport ta' persuni, iktar minn 8 postijiet bil-qiegħda barra mill-post tax-xuffier, u tagħbija massima ta' mhux aktar minn 5 tunnelli.

M3 — vetturi għat-trasport ta' persuni, iktar minn 8 postijiet bil-qiegħda barra mill-post tax-xuffier, u tagħbija massima ta' iktar minn 5 tunnelli.

N1 — vetturi għat-trasport tal-merkanzija, tagħbija massima ta' mhux aktar minn 3.5 tunnelli.

N2 — vetturi għat-trasport tal-merkanzija, tagħbija massima ta' bejn 3.5 u 12-il tunnelli.

N3 — vetturi għat-trasport tal-merkanzija, tagħbija massima ta' aktar minn 12-il tunnelli.

jaħdmu bl-idroġenu jiġu inklużi fid-direttivi u fir-regolamenti kollha li jikkonċernaw il-qasam ta' l-approvazzjoni tat-tip.

3.3 Il-bażi legali tal-proposta hu l-Artikolu 95 tat-Trattat.

Il-proposta tirrispetta bis-sħiħ il-**prinċipju tas-sussidjarjetà** peress li l-obbjettivi politiċi fil-livell Komunitarju ma jistgħux jint-laħqu fil-livell ta' l-Istati Membri individwali u bl-istess proċedura jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakoli għas-suq uniku.

Barra minn hekk, tiggarrantixxi l-**prinċipju tal-proporzjonalità**, peress li l-obbjettiv tiegħu huwa esklussivament it-tħaddim tajjeb tas-suq uniku flimkien ma' livell għoli ta' sikurezza pubblika u ta' ħarsien ambjentali.

3.4 Il-Kummissjoni tipproponi l-għażla tar-regolament għal-lex jidher li huwa meħtieġ, sabiex id-dispożizzjonijiet f'din il-proposta jidħlu fis-seħħ fl-istess waqt, u sabiex ma jkunx hemm il-bżonn li nistennew it-traspożizzjoni tiegħu fl-Istati Membri individwali, li jista' jwassal għall-adattament ta' l-istandards ta' l-approvazzjoni, flimkien ta' żmien mhux sinkronizzati u xi kultant flimkien ma' bidliet sinifikanti fil-liġijiet tat-traspożizzjoni.

3.5 Din il-proposta għaddiet minn proċedura wiesa' ta' konsultazzjoni li involviet il-partijiet interessati kollha. Nibdeu mill-“Grupp ta' Ħidma fuq l-Idroġenu”, l-istħarriġ involva l-awtoritajiet nazzjonali, il-manifatturi tal-vetturi, il-fornituri tal-partijiet tagħhom u l-assoċjazzjonijiet industrijali.

3.6 L-erba' għażliet li ġew analizzati kienu:

- “status quo”, jiġifieri li s-sitwazzjoni attwali ma tinbidilx,
- intervent leġislattiv fil-livell ta' l-Istati Membri,
- intervent leġislattiv fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea,
- approċċ mhux regolatorju: l-awtoregolamentazzjoni.

3.7 Aktar tard inħatar konsulent li organizza t-tweġibiet li jirragwardaw is-sikurezza, it-teknoloġija u l-ispejjeż relattivi ta' l-għażliet differenti. Ir-riżultati tressqu għall-opinjoni ta' l-impriżi ewlenin fil-qasam tal-karozzi li huma impenjati fit-teknoloġija ta' l-idroġenu.

3.8 Minn dan il-proċess wiesa' ta' konsultazzjoni ħareġ biċ-ċar li l-aħjar triq tkun dik ta' l-intervent leġislattiv fil-livell Komunitarju li joħloq approvazzjoni tat-tip għall-vetturi motorizzati kollha li jaħdmu bl-idroġenu.

3.9 Biex tappoġġja din l-għażla, il-Kummissjoni ppreżentat studju ⁽³⁾ li juri kif l-introduzzjoni ta' proċess ta' approvazzjoni stretta Ewropea tirrappreżenta l-għażla l-iktar faċli u li twassal għall-inqas spejjeż jekk titqabbell ma' l-ispejjeż teoretiċi ta' 27 approvazzjoni tat-tip differenti fil-livell ta' l-Istati Membri individwali.

(3) TRL, Ltd, il-konsulent tekniko-xjentifiku tal-Kummissjoni.

3.10 L-evalwazzjonijiet tal-konsulent għalhekk ġew preżentati lill-Kummissjoni li fuq il-bażi tal-ħidma konsultattiva ta' qabel, fasslet il-proposta li qed tiġi diskussa u li tat bidu għall-proċess istituzzjonali.

3.11 Skond il-Kummissjoni, l-istandards stabbiliti f'dan ir-regolament jistgħu joffru lill-utenti tal-mezzi tat-trasport li jaħdmu bl-idroġenu, il-garanzija meħtieġa f'termini ta' sikurezza u jikkontribwixxu b'mod deċiżiv favur l-ambjent.

3.12 L-oġġettiv konklużiv jipprevedi li b'effett minn 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament attwali, il-konformità ta' l-impjanti, tal-komponenti kollha li jkollhom kuntatt ma' l-idroġenu u l-materjali relatati li jintużaw għandhom jissodisfaw kompletament l-istandards stipulati fir-regolament attwali.

4 Is-seduta

4.1 Waqt is-seduta fejn ħadu sehem il-Kummissjoni, rappreżentanti mid-dinja akkademika kif ukoll ta' l-impriżi tas-settur awtomobilistiku impenjati fl-iżvilupp ta' vetturi li jaħdmu bl-idroġenu, ta' assoċjazzjonijiet Ewropej, tal-konsumaturi u tal-produtturi taċ-ċelloli tal-karburant, ħarġu fid-dieher ċerti punti importanti dwar l-aħħar żviluppi teknoloġiċi li wieħed ta' min jixtarr.

4.2 Ġiet enfasizzata l-importanza tat-tixrid ta' l-informazzjoni fost il-pubbliku ġenerali u ta' inizjattivi bħal dik li ilha sseħħ dawn l-aħħar snin f'Ruma (H₂ Roma), li jippromovu laqgħat bejn il-produtturi u ċ-ċittadini, fejn jiġi muri l-iżvilupp teknoloġiku u tixxerred kultura ta' familjarizzazzjoni fir-rigward ta' teknoloġija li l-maġġoranza tan-nies għadhom jikkunsidraw bħala perikoluża. Dawk li attendew is-seduta interessaw ruħhom ħafna fir-rwol tal-KESE, li jista' jaqdi rwol ta' medjatur kulturali.

4.3 L-impriżi u l-konsumaturi enfasizzaw il-bżonn li wieħed ikun jista' joqgħod fuq is-sikurezza tal-vetturi u ta' l-infrastruttura tal-ħażna u tad-distribuzzjoni, iżda anke fuq id-disponibilità ta' l-idroġenu. Ir-riċerka għandha tkompli tkun appoġġjata. Ġew apprezzati l-inizjattivi Ewropej reċenti favur iċ-ċelloli tal-karburant permezz tad-deċiżjoni biex tiġi ffinanzjata Inizjattiva Teknoloġika Konġunta.

4.4 Testijiet ta' l-awtonomija wrew li llum il-ġurnata vetturi li jaħdmu bl-idroġenu diġà jistgħu jimxu sa 600 Km. Qed jiġu ppreparati testijiet ulterjuri.

4.5 Il-vettura li taħdem bl-idroġenu diġà hija realtà teknoloġika, kif urew is-seduti, iżda għad jonqos il-kondizzjonijiet ekonomiċi u soċjali neċessarji sabiex nimxu għall-pass li jmiss: il-kummerċjalizzazzjoni. L-ewwel ostakolu, ser jiġi meġħlub permezz tar-regolament dwar l-approvazzjoni.

5. Kummenti ġenerali

5.1 Il-KESE japprova l-kontenut ta' dan ir-regolament u jqs bħala punt pożittiv it-twaqqif ta' standards armonizzati rigward

l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li jaħdmu bl-idroġenu, peress li din il-proċedura hija pass 'il quddiem meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali fejn mingħajr referenzi leġislattivi, huwa ċar li se jinħolqu kundizzjonijiet ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u frammentazzjoni tas-suq intern. Huwa importanti li l-approvazzjoni tar-regolament ssir malajr kemm jista' jkun, anke minħabba raġunijiet ċari ta' sikurezza u ta' ħarsien ambjentali.

5.2 Fil-fehma tal-KESE, in-nuqqas ta' qafas preċiż ta' referenza iwassal biex jiskoraġġixxi l-investment neċessarju u konsistenti li huwa indispensabbli għall-iżvilupp tat-teknoloġiji marbuta ma' l-użu ta' l-idroġenu bħala s-sors ta' l-enerġija għall-vettura tal-futur.

5.3 Ir-regolament in kwistjoni jidher konformi mal-politiki ta' l-Unjoni Ewropea għall-iżvilupp sostenibbli u mal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima li huma l-bażi ta' l-inizjattivi Komunitarji u jirrapreżentaw kontribut essenzjali lejn l-oġġettivi ġenerali ta' l-istrateġija ta' Lisbona.

5.4 Il-KESE huwa konvint li mingħajr żvilupp mgħaġġel u konsistenti tal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu, u mingħajr sostituzzjoni progressiva tal-karburanti fossili, il-vantaġġi ambjentali jkun limitati u ma jkunux jistgħu jinħassu fuq livell kwantitattiv. Jinsisti minflok dwar il-bżonn li tiġi promossa s-sostenibilità ambjentali u l-ġlieda bir-reġa kontra l-bidla fil-klima, li huma miri li jistgħu jintlaħqu potenzjalment bis-saħħa ta' l-użu ta' l-idroġenu, tal-bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni u ta' karburanti oħrajn minn sorsi li jiġġeddu.

5.5 Skond il-KESE, dan il-proċess interessanti li jibdel it-tendenza attwali, fejn id-domanda għall-enerġija hija sodisfatta l-iktar minn sorsi fossili, li llum jirrapreżentaw 85-90 % ta' l-enerġija dinjija, ser jinvolvi l-użu ta' l-idroġenu u l-impenn favur ir-riċerka fil-qasam taċ-ċelluli tal-karburant u ta' l-idroġenu. Evalwazzjoni tal-prospetti għandha tqis li fir-rigward il-karburanti fossili, huwa previst li fil-futur ser ikun hemm skarsezza u prezzijiet li jkomplu jiżdiedu b'mod kostanti.

5.6 F'opinjoni approvata mill-KESE (*) ġiet appoġġjata bis-siħh l-inizjattiva tal-Kummissjoni COM(2007) 571 finali li ddeċidiet li tiffinanzja bl-ammont ta' madwar EUR 470 miljun inizjattiva teknoloġika konġunta permezz tat-"twaqqif ta' l-Impriża Konġunta taċ-ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu" li tippermetti, permezz ta' inizjattiva ta'riċerka fuq skala kbira, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-industrija li jgħaqqdu flimkien ir-riżorsi rispettivi tagħhom favur programmi mmirati lejn oqsma strateġiċi għad-diversifikazzjoni u d-disponibilità futura ta' l-enerġija.

5.7 F'opinjoni suċċessiva dwar "It-taħlita enerġetika fit-trasport" (°), il-KESE "iqis li huwa indispensabbli li jiżdied b'mod deċiżiv l-iffinanzjar tar-riċerka dwar il-produzzjoni u l-użu ta' l-idroġenu" u "jassoċja ruħu mat-talbiet li ġejjin mid-dinja ta' l-intraprenditorija u tar-riċerka attivi fis-settur ta' l-iżvilupp ta' l-użu ta' l-idroġenu, sabiex il-Kunsill u l-Parlament jħaffu l-proċess ta' l-approvazzjoni tal-proposta".

(*) ĠU C 204, 9.8.2008, p. 19.

(°) CESE 1104/2007 (TEN/297), punt 1.4, għadha mhix ippublikata fil-ĠU.

5.8 Iċ-ċelloli tal-karburant jikkonvertu l-enerġija u jistgħu jnaqqsu l-produzzjoni tal-gass b'effett ta' serra u ta' elementi oħrajn li jniġġsu. Fit-trattament tal-bijomassa, il-KESE, fl-istess opinjoni kkwotata fil-punt preċedenti, qal li qed isegwi b'interess il-progress reċenti li qed isir fil-qasam tal-katalizzaturi magħmula għaċ-ċelloli tal-karburant li huma teknoloġija li tipprometti ħafna fir-rigward tal-provvista ta' l-enerġija nadifa għall-karozzi.

5.9 Waqt li jtenni li l-użu ta' l-idroġenu fis-sostituzzjoni progressiva tal-karburanti fossili huwa pass obbligatorju u mixtieq, il-KESE jenfasizza li l-oġettiv tat-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu jistrieħ fuq investimenti kostanti fl-oqsma kollha tar-riċerka marbutin ma' dan il-proċess. Għal din ir-raġuni l-KESE jixtieq u jappoġġja programmi mmi-rati ta'riċerka sabiex tissaħħaħ din l-istrateġija.

5.10 Il-Kumitat jemmen li l-problema, importanti kemm hi importanti, ta' l-ispejjeż rilevanti ta' dan il-proċess, ma tistax ssir ostakolu għall-iżvilupp ta' din it-teknoloġija u qed isegwi b'attenzjoni kbira kull programm li jimmira lejn ir-riċerka dwar il-produzzjoni ta' l-idroġenu li tkun kompatibbli mal-ħarsien ta' l-ambjent, waqt li jikkunsidra li t-triq attwali, li timmira li iktar minn 90 % ta' l-idroġenu jiġi prodott mill-metanu, hija msejsa fuq enerġija, li għalkemm hi importanti, titqies li waslet fl-aħħar.

5.11 Il-KESE jenfasizza li fl-evalwazzjoni ta' l-ispejjeż marbuta ma' kull progress teknoloġiku, id-dimensjoni tar-riżorsi sostanzjali meħtieġa ma għandhiex tiġi valutata b'rabta mal-qasam tal-vetturi privati biss, anke jekk dan huwa qasam sinifikanti, iżda għandu jkun hemm viżjoni strateġika u ta' prospettiva fejn il-valutazzjoni għandha tqis il-benefiċċji futuri li jistgħu jiġu miż-żjieda fl-użu ta' l-idroġenu b'miri iktar avvanzati, mit-trasport pubbliku u privat, it-trasport tal-merkanzija u l-karburanti għall-ferroviji u l-inġenji tal-baħar, sa l-użu ta' l-idroġenu, forsi iktar tard fil-ġejjieni, fil-qasam ta' l-impjanti li jipproduċu l-elettriku.

5.12 Il-KESE huwa konvint li jekk dawn il-programmi importanti ta' riċerka jiżviluppaw kif huwa mistenni u jirċievu l-appoġġ politiku u ekonomiku meħtieġ mill-partijiet interessati kollha, il-possibilità li naraw, fi żmien relattivament qasir, vetturi li jaħdmu bl-idroġenu, parzjalment jew kompletament, tista' ssir realtà.

5.13 Eżempju konkret ta' din it-tendenza pożittiva huwa ż-żjieda kostanti u kontinwa ta' taxis li jaħdmu b'sistemi ta' karburanti ibridi fi New York, fejn politika urbana pożittiva tippermetti li r-rispett għall-ambjent jimxi id fid mar-regoli tas-suq, u b'hekk jintwera bil-fatti li sforzi biex jinħolqu ostakoli artifiċjali quddiem l-iżvilupp ta' din it-teknoloġija ta' sikwit huma biss manifestazzjoni tad-difiża ta' xi interessi sekondarji.

5.14 Fl-opinjoni jiet kollha tiegħu dwar dan is-suġġett, il-KESE appoġġja l-użu ta' l-idroġenu, li anke bil-limiti attwali magħru-fin, jirrappreżenta l-isfida tal-ġejjieni. Qed isegwi b'attenzjoni l-proġetti riċenti ta' inizjattivi li bl-użu ta' teknoloġiji ta' produzzjoni

u tal-provvediment differenti, qed iwittu t-triq għall-użu futur ta' l-idroġenu fit-tħaddim tal-vetturi.

5.15 F'din il-prospettiva ta' żvilupp il-KESE jappella għal darb' oħra lill-Kummissjoni biex tanalizza l-problema tal-firxa tan-network ta' distribuzzjoni ta' karburanti alternattivi fuq it-territorju, fejn wieħed jibda' mill-potenzjal tad-distribuzzjoni tal-gass naturali kkompresat, li fl-Ewropa għandu distribuzzjoni skarsa ħafna fxi Stati Membri waqt li f'oħrajn ma jeżistux impjanti, barra minn xi eċċezzjoni pożittiva bħal fil-każ tal-Polonja.

5.16 L-oqsma tal-ħażna u tad-distribuzzjoni huma eżempju konkret ta' kif għandu jsir l-orjentament tar-riċerka fis-settur. Il-bżonn li jkollna teknoloġiji innovattivi fil-qasam tad-distribuzzjoni tal-gass huwa problema fundamentali u deċiżiv fir-rigward tat-tixrid ta' vetturi ġodda, kemm ffazi intermedja fejn ikun hemm taħlitiet possibbli ta' gass kif ukoll fil-każ ta' l-oġettiv finali ta' l-użu ta' l-idroġenu bħala karburant.

5.17 Hemm bżonn li sistemi ta' distribuzzjoni iktar effiċjenti u sikuri jsiru disponibbli, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba miż-żewġ impjanti li bħalissa jaħdmu fl-Ewropa, dak f'Mantova (l-Italja) u dak f'Munich (il-Ġermanja), u li r-riċerka tiġi mmirata lejn sistemi dejjem iktar teknoloġikament avvanzati li għandhom bħala l-qofol tagħhom li jintlaħqu standards għoljin fil-qasam tas-sikurezza u tal-ħarsien ta' l-ambjent.

5.18 Għal dawn ir-raġunijiet, il-KESE jaħseb li t-tilħiq ta' standards għoljin ta' sikurezza u ta' effiċjenza fil-qasam tal-konservazzjoni u tad-distribuzzjoni ta' gassijiet kombustibbli, huwa element deċiżiv fil-fażi attwali li titlob programm konsistenti ta' distribuzzjoni fit-territorju kollu Ewropew ta' impjanti tal-GŻL u tal-metanu, u huwa oġettiv iktar immedjat u realistiku mid-dekarbonizzazzjoni, anke parzjali, tal-karburanti, bħala fażi intermedjarja qabel il-fażi definittiva tad-distribuzzjoni ta' l-idroġenu. It-teknoloġiji neċessarji għall-ħażna u d-distribuzzjoni tal-gass u ta' l-idroġenu huma simili ħafna, u għalhekk l-iżvilupp ta' l-ewwel jista' biss jiffavorixxi l-iżvilupp ta' l-idroġenu.

5.19 Il-KESE jaf li l-użu ta' l-idroġenu għadu joħloq problemi ċari ta' spejjeż u ta' sikurezza, marbutin ma' ostakoli fil-passat li llum, bis-saħħa ta' testijiet iddettaljati li saru f'bosta pajjiżi, għandhom ikunu megħluba, u b'hekk l-użu ta' l-idroġenu għandu jilħaq il-livell ta' sikurezza li laħqu t-teknoloġiji konvenzjonali. It-tilħiq ta' dan l-oġettiv, bl-appoġġ ta' programmi konsistenti u speċifiċi ta' informazzjoni, jista' jippermetti l-ksib mill-ġdid tal-fiducia ta' l-utenti futuri, pass obbligatorju jekk ser jimxi 'l quddiem għal darb' oħra l-użu ta' din it-teknoloġija.

5.20 Għaldaqstant, il-KESE jqis indispensabbli li flimkien ma' din l-istrateġija msejsa fuq l-idroġenu għandu jkun hemm programm ta' informazzjoni konsistenti li jiffaċċja u jegħleb in-nuq-qas ta' entużjażmu tal-konsumaturi futuri li jikkunsidraw l-idroġenu bħala prodott li fih ħafna riskji.

5.21 Programm ta' informazzjoni bħal dan li jkun komprensiv ħafna għandu jwassal messaġġ ċar: illum il-ġurnata diġà ntlaħqu livelli għoljin ta' sikurezza fir-rigward ta' l-użu ta' l-idroġenu meta mqabbel ma' vetturi konvenzjonali, anke fil-każ ta' inċidenti eventwali. Dan huwa element fundamentali sabiex tingħata kredibbiltà lill-previżjoni tal-Kummissjoni dwar it-tilhij ta' l-oġġettiv li sa l-2020 jkun hemm jiċċirkolaw mill-inqas miljun vettura fit-territorju Komunitarju (p. 34 Impact Assessment).

5.22 Dan ir-regolament dwar il-ħruġ ta' standards armonizzanti fil-livell Komunitarju fil-qasam ta' l-approvazzjoni ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu huwa l-ewwel pass lejn il-kisba mill-ġdid ta' din l-aċċettazzjoni u għandu jiġi appoġġjat, mill-idea fundamentali li l-użu ta' l-idroġenu għandu jikkontribwixxi b'mod deċiżiv lejn ir-rispett ta' l-ambjent, peress li, kif inhu magħruf, dan it-tip ta' karburant ma jipproduċix gassijiet b'effett ta' serra u ma jarmix elementi li għandhom il-bażi tal-karbonju.

5.23 Il-KESE jappoġġja l-għażla tar-regolament bħala element ġuridiku tal-proposta peress li jiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi għall-produtturi fis-settur permezz ta' l-applikazzjoni immedjata fl-Istati Membri kollha ta' l-istandards stipulati.

5.24 Barra minn hekk japprova l-proposta li l-proċess ta' elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-istandards fundamentali jsir peremzz tal-“komitoloġija”, u jaqbel li jiġi stabbilit perijodu transitorju li jidher neċessarju għall-produtturi. Din hija għażla proporzjonata għall-kumplessità ta' din it-teknoloġija li tesiġi żmien twil għall-applikazzjoni tagħha.

5.25 Il-KESE jappoġġja u jikkunsidra importanti l-preżenza ta' l-Ewropa, flimkien mal-Ġappun u l-Istati Uniti fil-GCG (Grupp għall-Koordinazzjoni Globali), li huwa struttura li tim-

mira lejn il-kisba ta' proċedura dinjija fil-qasam ta' l-approvazzjoni tal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu.

5.26 Madankollu, ir-riċerka dwar mezz ta' ftehim għal din id-dimensjoni ma għandhiex tostakola l-progress ta' proċedura leġislattiva Komunitarja peress li ż-żmien għat-tilhij ta' ftehim dinji huwa iktar twil minn dak stipulat fir-regolament attwali. Minflok, il-preżenza f'entità bħal din ta' Ewropa li għandha għad-dispożizzjoni tagħha strument leġislattiv speċifiku u li għandha esperjenza reali wiesgħa, barra milli tinforza l-preżenza tagħha, twaqqaf it-tentattiv biex dan ir-regolament jiġi approvat fuq il-bażi esklussiva ta' l-unika esperjenza li għandna disponibbli, dik tal-Ġappun.

5.27 Il-preżenza qawwija ta' l-Ewropa fil-korpi li jieħdu deċiżjonijiet li jolqtu d-dinja kollha hija element deċiżiv anke favur il-ħarsien tal-kompetittività ta' l-impriżi importanti tal-karozza li joperaw fil-livell Ewropew li ma jistgħux jitlef l-kuntatt mal-proċessi ta' l-evoluzzjoni tas-suq fejn ir-reqwiżiti fundamentali għall-kisba ta' proporzjon kbir tas-suq fil-futur ser ikunu preżenza qawwija, f'waqtha u teknoloġikament avvanzata.

5.28 Fir-rigward ta' l-approvazzjoni skond it-tip, anke jekk hija biss aspett tal-proċess kollu, hija wkoll pass importanti lejn id-disponibilità ta' karburanti alternattivi li huma kapaċi jbiegħdu l-Ewropa mil-limitazzjonijiet tal-karburanti fossili, u ggħib magħha vantaġġi ambjentali kbar u tlestina għall-mument, li għadna ma nistgħux nġhidu meta se jkun, meta din ir-riżorsa tiġi eżawrita.

5.29 Dan kollu jirrikjedi li jsiru għażliet qalbiena u viżjoni strateġika fit-tul li hija mmirata lejn il-preżent waqt li tintrabat ma' xenarju fil-ġejjieni fejn l-użu ta' l-idroġenu huwa mistenni jaqdi rwol fundamentali.

Brussell, id-9 ta' Lulju 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS